# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ottubru 2013 fil-5.00p.m.
Il-Ħadd 3 u 17 ta' Novembru 2013 fit-3.30p.m.
Il-Ħadd 1 u 15 ta' Diċembru 2013 fit-3.00pm
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Jannar 2014 fit-3.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u YouTube: Guza Mifsud

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 96 OTTUBRU 2013 JITQASSAM BLA ĦLAS



Il-Kanonku John Ciarlo' waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika ta' Ġunju 2013

## "HUDU U KULU GHAX DAN HUWA ĠISMI..."

Fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju 2013, fil-festa ta' Corpus Christi, il-Girgenti reġa' għal darba oħra ġie mqaddes u mbierek bil-preżenza ta' Ġesù Ewkaristija. Mexxa din l-Adorazzjoni, il-Kanonku John Ciarlo' li wassal dan il-messaġġ lil dawk preżenti:

### META N-NIES MA RIEDUX JAFU B'ĠESU

"Ħuti nistqarr magħkom, waħda mill-aktar affarijiet li timpressjonani meta naqra l-vanġelu, huwa meta naqraw kif in-nies kienu jmorru wara Ġesù biex jisimgħu il-kelma Tiegħu, kif kienu jissaħħru, iħallu djarhom, iħallu x-xogħol tagħhom biex imorru jisimgħu lil Ġesù jitkellem. Ġieli damu aktar minn ġurnata sħiħa, ġieli marru anka fid-deżert biex jisimgħu lil Ġesù ikellimhom...u kienu jemmnu u jaċċettaw bil-qalb kollha dak kollu li kien jgħidilhom.

Pero interessanti ħuti li fil-vanġelu hemm żewġ episodji li fihom naqraw proprju ir-rejazzjoni negattiva tan-nies li ma riedux jisimgħu aktar lil Ġesù, ma riedux jafu bih, ma riedux jaċċettaw dak li kien qiegħed jgħidilhom.

L-ewwel okkażżjoni kienet meta darba mar fis-sinagoga ta' Nazaret, fejn trabba, fejn kienu jafu lil familja Tiegħu. Meta mar hemm u beda jkellimhom lin-nies stagħaġbu bit-tagħlim sabiħ li kien qed jgħidilhom, pero xorta waħda ma riedux jaċċettawh. Qalu, "Dan ma nafuħx aħna? Dan missieru mhux il-mastrudaxxa tar-raħal? X'jaħseb li hu?" U ma riedux jaċċettaw dak li kien qed jgħidilhom u għalhekk wasslu biex ikeċċuh...

It-tieni episodju kien... meta Ġesù temgħa lil ħamest elef raġel minbarra għadd ta' nisa u tfal, minn ftit ħobżiet u minn ftit ħutiet. Ħadu gost in-nies dakinhar jieklu, għamel dan il-miraklu magħhom. Pero ftit wara Ġesù kien mar Kafarnaum u ... għax Ġesù kien jaqra l-qlub, induna li ma kellhomx intenzjoni tajba din id-darba, aktar kważi kważi marru hemm biex jagħtihom iċ-ċans jerġgħu jieklu b'xejn...

U Ġesù dakinhar qalilhom, "Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, imma għall-ikel li ser nagħtikom jien. Il quddiem ser nagħtikom ġismi biex tiekluh u demmi biex tixorbuh." ...Hu il-ħobż li niżel mis-sema, il-ħobż li jagħtina garanzija li jkollna l-ħajja ta' dejjem, illi min jgħix biħ ma jmutx... Pero meta n-nies semgħu dan il-kliem, x'kienet ir-rejazzjoni tagħhom?

Qalu, "Isma, dan x'qed jgħid illum? Kif jista' jkun li jagħtina ġismu biex niekluh u demmu biex nixorbuh?... Dan m'aħniex? Dan spissjat illum? X'qed jgħid li ser jagħtina ġismu biex niekluh u demmu biex nixorbuh, x'kull waħda!" U nafu x'ġara mbagħad. X'għamlu n-nies? Qabdu u telquh, ma riedux jibqgħu jisimgħuh, tilfu l-fiduċja fih, assolutament telquh. U nimmaġina dakinhar warajh kien hemm l-appostli, naħseb li l-appostli tħawdu u qalu, "Dan x'qed jgħid illum li ser jagħtina ġismu biex niekluh u demmu biex nixorbuh?" U naħseb rahom imħawdin u qalilhom, "isma jekk tridu itilqu intom ukoll, imma naf x'qed ngħid jien."

Imma mbagħad naqraw fil-vanġelu illi qabeż Pietru u qallu, "Mulej għand min nistgħu immorru, mhux inti biss għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem? Mhux inti biss il-Qaddis ta' Alla." Speċi la qed tgħid hekk inti, aħna nemmnuk, alavolja qegħdin narawha ħaġa mpossibbli li nieklu l-ġisem tiegħek u nixorbu d-demm tiegħek. Imma emmnuh l-appostli dak il-ħin, aċċettawh.

## VERAMENT INVENZJONI FANTASTIKA

Naturalment, ngħiduha kif inhi, ma kinitx faċli għan-nies li jaċċettaw ħaġa bħal din, mhux veru? ... U nafu ħuti, proprju din il-wegħda li Ġesù għamel li xi darba jagħtina ġismu biex niekluh u demmu biex nixorbuh wettaqha fil-fatt, għamilha. Nafu biżżejjed illi proprju l-aħħar ħaġa li



għamel qabel ma telaq minn ma l-appostli, meta kien sejjer għall-passjoni tiegħu, ġabar lill-appostli madwar mejda, kiel magħhom, kellimhom, qabad il-ħobż u l-inbid u qalilhom, "ħudu u kulu għax dan hu ġismi, ħudu u ixorbu għax dan huwa demmi, u agħmlu dan b'tifkira Tiegħi."

L-appostli mbagħad emmnu bis-serjeta u l-quddiem anka meta ħalliehom, meta tela s-sema, baqgħu jiftakru dak li qalilhom Ġesù, dak li għamel Ġesù fl-aħħar ċena u mbagħad bqajna sejrin ġenerazzjoni wara l-oħra... Għalhekk aħna mmorru il-quddies, u għalhekk aħna nitqarbnu u għalhekk nemmnu fl-Ewkaristija mqaddsa. Ġesù għadu magħna, ried jibqa' magħna, qalilna Hu stess, "Ħa nibqa' magħkom sa' l-aħħar taż-żmien." L-Ewkaristija hija meravilja, hija verament invenzjoni fantastika li ġietu f'moħħu Ġesù li jagħmel dan il-miraklu jew aħjar dan il-misteru kbir, qaddis, illi ried jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żmien, proprju taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid. L-Ewkaristija mqaddsa hija t-teżor tagħna, aħna li nemmnu proprju f'dan is-sagrament qaddis, illum qegħdin nagħmlu din il-festa sabiħa tal-Corpus Christi.

Corpus Christi, il-ġisem u d-demm ta' Kristu, Aħna li nemmnu f'dan is-sagrament ma naraw xejn, ma nħossu xejn, ma ntegħmu xejn, imma nafu u nemmnu bis-serjeta li verament Ġesù qiegħed magħna. Meta nitla' biex nitqarben, is-saċerdot jurini l-ostja, ostja ċkejkna. Jgħidli, "il-ġisem ta' Kristu," u jiena ngħidlu, "iva nemmen, nemmen."

Veru hekk hu! Dejjem impressjonatni dik l-istorja fejn kien hemm klassi ta' tfal li kien għadhom kemm għamlu l-praċett. U ...is-Sir u lil wieħed tifel qallu, "inti liema hu l-isbaħ rigal li qlajt?" Qabeż dan it-tifel u qallu, "L-aktar ħaġa li għobitni jiena huwa rigal li tatni n-nanna. Tatni Bambin sabiħ tax-xema." Qabeż is-sir u qallu, "Issa meta tħares lejn il-Bambin li tatek in-nanna u meta tħares lejn l-Ostja li issa bdejt tirċievi, tara xi differenza bejniethom?" Qabeż dan it-tifel u qallu, "Sir, x'għandu x'jaqsam." U s-sir qallu, "Ħa nara, spjegali għaliex qed tgħid hekk?" Qallu, "Ħa ngħidlek sir, meta nħares lejn dan il-Bambin narah sabiħ imma Ġesù mhux hekk ta. Dik statwa, dik xemgħa, għalkemm narah ma hemm xejn fih. Imma meta nħares lejn l-Ostja għalkemm ma narax lil Ġesù imma naf żgur li qiegħed hemm." Il-fidi ta' dan it-tifel ċkejken li verament fehem l-Ewkaristija. Aħna li għandna din il-fidi għalhekk ngħidulha l-misteru tal-fidi: ma naraw xejn, ma nħossu xejn, ma ntegħmu xejn, imma nafu żgur illi Ġesù qiegħed fl-Ostja Konsagrata, li qiegħed preżenti rejalment, sostanzjalment, Ġesù ħaj li qiegħed magħna fl-Ewkaristija mqaddsa.

## FL-EWKARISTIJA ĠESU JIRREPETI L-ĦAJJA TIEGĦU

Naraw ħuti, kieku kellna naraw ftit nistgħu ngħidu li fl-Ewkaristija Ġesù jirrepeti l-ħajja tiegħu… Meta twieled il-Madonna poġġietu f'maxtura ta' l-annimali, x'miżerja, u aħna naraw din l-umilta ta' Ġesù, … biċċa ħobż ċkejkna, x'umilta, dan Alla li sar bniedem li ċċekken daqs tant għalina. Proprju fil-bidu nett ta' ħajtu, mal-ewwel id-dinja ħaditha kontra Tiegħu, Erodi ried joqtlu, bdiet il-ħajja ta' Ġesù, il-persekuzzjoni kontra Tiegħu.

Xi ngħidu għall-Ewkaristija matul iż-żminijiet, kemm kien hemm nies li ma riedux jemmnu b'dan is-sagrament, li jiddisprezzaw dan is-sagrament, li jidgħu bih? …Naħseb li barra minn Malta ma jidgħux bl-Ostja, imbagħad hawn Malta kemm nisimgħu nies bl-Ostja tiela u Ostja nieżla, l-aktar ħaġa qaddisa li għandna. Mhux persekuzzjoni din? … Naraw anka llum, ngħixu f'dinja, nisimgħu ħafna b'dawn is-satanisti li jisirqulna l-Ewkaristija mit-tabernakli tagħna. U mbagħad imorru fil-laqgħat tagħhom biex jiddisprezzaw l-Ewkaristija, il-persekuzzjoni tal-bniedem, flok li jirringrazzja lil Ġesù li ried ikun magħna, li ried jibqa' magħna fl-Ewkaristija mqaddsa.

Nies li jitilgħu jitqarbnu bis-sagrileġġ, x'jimpurthom? X'jimpurthom? Qatt ma nista' ninsa ftit ilu, kien hemm funeral fil-paroċċa fejn ikun hemm jien u nara ħabib tiegħi, naf li ilu ħafna ma jmur il-knisja, u jiftaħar li ma jmurx il-knisja. Mietlu xi ħabib tiegħu u tela jitqarben, rajtu jitqarben. Wara fis-sagristija meta kont inkellmu għidtlu, "rajtek titqarben illum." Qalli, "Tqarbint, mela ma nitqarbinx, nitqarben hu għax miet il-ħabib tiegħi." Għidtlu, "Imma inti qarrejt?" Qalli, "Le, ili ma nqerr tgħidx kemm, ilni ma nersaq lejn il-knisja tgħidx kemm." "Prosit ħej," għidtlu, "mela aħna nitqarbnu hekk?" Biex titqarben trid tkun fil-grazzja ta' Alla, trid toqgħod attent u mhux titqarben sempliċiment għax miet il-ħabib tiegħek, għax qiegħed funeral, jew għax mort xi tieg jew xi ħaġa oħra. …Aħjar ma titqarben xejn milli titqarben ħażin u tagħmel sagrileġġ. San Pawl jgħidilna li meta nitqarbnu irridu ngħarblu l-kuxjenza tagħna, li jekk kemm il darba nitqarbnu ħażin flok qed nirċievu grazzja mingħand Alla qed nirċievu l-kundanna tagħna…

Ħuti, …matul il-ħajja pubblika tiegħu x'kien jagħmel Ġesù? Ifarraġ lin-nies, ifejjaq lin-nies, jikkonsla lin-nies. Ġesù mhux hekk qed jagħmel fl-Ewkaristija mqaddsa? Ġesù nisimgħuh jgħidilna, "ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nserraħkom." … Proprju ftit ilu kien hemm saċerdot mar iqarben wieħed marid u qabel ma telaq qallu, "Kif tħossok?" Qallu, "Father, issa nħossni aħjar, issa għandi lil Ġesù miegħi, inħoss li għandi lil min jgħinni aktar fit-tbatija tiegħi, fil-marda tiegħi." Ġesù jagħtina l-għajnuna fil-problemi tagħna, Ġesù għalhekk qiegħed hemm



fl-Ewkaristija. Għalhekk aħna nirringrazzjaw lil Alla li nemmnu f'dan is-sagrament qaddis. Għalhekk smajna l-kliem sabiħ anka ta' Ġuża, kemm għandna bżonn li nitkebbsu aktar, inkabbru aktar il-fidi tagħna, l-imħabba tagħna fil-preżenza ta' Ġesù u nersqu ta' spiss lejn l-Ewkaristija, nitqarbnu ta' spiss.

Qed naqra fuq Mother Theresa, meta darba staqsewha, qalulha, "meta huwa l-isbaħ jum ta' ħajtek?" Qabżet hi, qaltilhom, "kuljum huwa l-isbaħ jum ta' ħajti għax kuljum nitqarben, allura kull ġurnata hija l-isbaħ jum ta' ħajti." …Meta nitqarbnu l-Ewkaristija għandha tbiddlilna ħajjitna: kif nitkellmu, nif nirraġunaw, kif inġibu ruħna mal-proxxmu, … Il-Mulej jagħtina l-għajnuna biex il-ħajja tagħna tkun verament ħajja nisranija.

Ħuti, il-Madonna kienet mara Ewkaristika, kienet ħaġa waħda ma binha Ġesù, li ġarritu fil-ġuf tagħna, kienet it-tabernaklu ħaj għal disa' xhur sħaħ. Li għexet miegħu. …Għalhekk nitolbu lill-Madonna biex anka lilna tkebbes il-qalb tagħna bl-istess imħabba lejn l-Ewkaristija kif kellha hi matul il-ħajja tagħha kollha. Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

**Sylvna Spiteri LL.D**

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**M. Camilleri minn Ħal-Qormi** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna. Wara ħames xhur id-dar saritlu operazzjoni li kienet success u seta' jidħol lura għax-xogħol b'mod regolari.

**R. Spiteri minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. It-tifla kien ilha disa' xhur b'uġigħ kbir f'sieqha x-xellugija. Talbet ħafna, saret l-operazzjoni u rriżulta li ma kien hemm xejn gravi.

**F. Agius minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Tgħid li r-raġel tagħha kien qed jifga, messitlu l-labtu tal-Madonna ma' qalbu u qaleb għall-aħjar

**N. N. miż-Żurrieq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-intercessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud. Tgħid li qalgħet diversi grazzji ta' fejqan kemm fuqha personali kif ukoll fuq membri tal-familja taghha.

**N. N. miz-Zurrieq** kitbilna dan ir-rapport: Sa Settembru tas-sena 2010, jiena flimkien ma' binti Pauline, kont tlajt xi tliet darbiet ħdejn il-Madonna tal-Girgenti, qisu f'intervalli ta' tliet xhur bejn kull żjara u oħra.

Fl-14 ta' Settembru 2010 ġrali inċident li żgur ma' nista' ninsieh qatt. Dak in-nhar xi s-7.30pm ta' filgħaxija, kien dalam, mort ħdejn ġiebja kif kont nagħmel is-soltu, sabiex naħsel it-trakk wara l-ġurnata tax-xogħol.

Min kien mar qabli jaħsel it-trakk ma kienx naddaf sew warajh, tant li żlaqt u tirt għal ġol-ġiebja. Il-ġiebja fiha tul ta' madwar tul ta' bniedem u nofs. X'ħin tirt stabatt mal-ġenb l-ieħor u ma nafx kif bqajt imdendel b'idi waħda mal-ġenb tal-ġiebja. Kont waħdi, il-ġiebja fonda xi tlettax-il filata, mimlija kważi sa fuq bl-ilma u ħama, ma stajtx nitla bl-ebda mod. Hemm indendel, waħdi! Kont sa xuftejja fil-ħama u l-ilma, tant li anka daħal ftit ġo ħalqi. Ippruvajt indur f'dak il-ħama għax x'ħin stabatt ġejt fuq ġenbi mal-ħajt tal-faċċata u kif stajt bdejt inżomm anka b'geddumi.

F'dak il-ħin, fi ftit sekondi, nara sħaba riesqa lejja bix-xbieha tal-Madonna tal-Girgenti fuqha. Għalkemm kien id-dlam imma din ix-xbieha kienet tiddi u dawlet il-post fejn kont jiena mdendel. Bdiet tagħmilli sinjal b'id minnhom biex nitla' imma għalija kienet tidher ħaġa mpossibbli. Jiena fil-fatt x'ħin rajt din id-dehra ħsiebtni li kont diġa mejjet.

F'salt, missieri li kien ilu aktar minn erbgħin sena mejjet, ġie minn taħti, qabadni mis-shorts u splodieni 'l fuq, fuq il-ħajt, fil-ġenb tal-ġiebja. Ix-xbieha tal-Madonna rajtha titbiegħed minni, titbissimli u bħal tgħidli, "qed tara kif tlajt."

Wara xi ħin li qadt fuq il-ħajt sakemm ġejt f'tiegħi mort ħdejn il-watchman. Kien hemm naqra tul mhux ħażin u kemm kemm stajt nasal bid-daqqa li kont ħadt, imxejt bi tbatija kbira. Dan x'ħin rani f'dak l-istat ċempel lill-imgħallem li ġie għalija u ħadni l-isptar għall-kura meħtieġa. Spallti kienet maqlugħa u reġgħu waħluhieli. Sħabi lanqas riedu jemmnu b'li kien ġrali, kif kien irnexxieli nsalva, għaliex lanqas jekk jaqa' għasfur f'din il-ġiebja ma jirnexxielu jitla'. Għadni muġugħ sallum. Għamilt żmien twil nieħu t-terrapija u anka testijiet tal-MRI għamilt. Wara xhur ta' terrapija irriżulta li għandi nerv maqtugħ u issa qed nistenna li ssirli operazzjoni.

Imma ma nistax ma nroddx ħajr lill-Madonna tal-Girgenti għaliex kienet hi li salvatli ħajti. Min ma jemminx jista' jkun li jidħaq bija, imma jiena konvint minn din l-esperjenza li għaddejt minna kif ukoll bil-grazzja li qalgħetli l-Madonna. Bħala ringrazzjament lil Alla għall-interċessjoni ta' Ommu Marija taħt it-titlu tal-Girgenti jiena bqajt nitla' nżur lill-Madonna b'mod regolari kull nhar ta' Ħamis u kull nhar ta' Ħadd. Grazzi Mulej, grazzi Madonna.



## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...

## PREŻENTAZZJONI TA' TFAL U TRABI LILL-MADONNA

Ġenituri li jixtiequ jippreżentaw lit-trabi jew lit-tfal tagħhom (li jkun ghadhom ma' ghamlux il-Preċett) lill-Madonna huma mitluba jkellmu xi membru tal-Kumitat jew jibghatu email fuq ourladyofconsecration@gmail.com

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Fl-okkażżjoni tas-sbatax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa ghar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2013 fis-6.30p.m.**

**Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.**

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.